Minuti tar-raba' (04/7) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet msejjħa fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 06 ta' Mejju 2013 fis-6.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | Is-Sur John-Mary Calleja |
| | Viċi Sindku: | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Is-Sur Mark Anthony Sammut |
| | | Is-Sinjorina Demelsa Grech |
| | | Is-Sur Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Joseph M. Formosa |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti – 03/7 (25 t'April 2013)
2. Aġudikazzjoni ta' Tender:-
   b. Tender 02/2013 – Xogħol ta' pavimentar
3. Residential Parking Scheme – Permessi Speċjali
4. Aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

## ***1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 3/7 (25 t'April 2013)***

1.1 Dawn il-minuti ġew li ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa, ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati nem con.

## ***2.0 Aġudikazzjoni ta' Tender***

2.1.0 Tender 02/2013 – Xogħol ta' pavimentar

2.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-lista ta' dawk kollha li għamlu l-offerta u ħa konjuzjoni bir-reqqa tar-rapport tal-Perit (kopja annessa ma' dawn il-minuti immarkat Dok 'A') liema kopja tinkludi ukoll lista ta' dawk li għamlu l-offerta kif ukoll skeda u mudell tal-orħos offerta (mill punto di vista tal-prezz).

2.1.2 Il-Kunsill mexa billi ha aktar konsiderazzjoni speċjlament tal-irħass erba' offerti:-

a. LK
Il-Kunsill ikkonsidra illi hemm nuqqas ta' ħaddiema kapaċi u adatti li għandhom u jistgħu jaħdmu sabiex iwettqu x-xogħol kif meħtieġ. Il-Kunsill ħa konjuzjoni oħra dwar informazzjoni li kiseb il-Kunsill li hija

sfavorevoli u għalhekk il-Kunsill ħa deċiżjoni li fiċ-ċirkustanzi li għalkemm dan il-kuntrattur għandu l-orħos offerta rigward il-prezz, din l-offerta ġiet rifjutata għaliex fil-fehma tal-Kunsill dan il-kuntrattur ma kienx jilħaqq l-aspettattiva tal-Kunsill.

b. Peter Montebello
Il-Kunsill ikkonsidra illi hemm nuqqas ta' ħaddiema kapaċi u adatti li għandhom u jistgħu jaħdmu sabiex iwettqu x-xogħol kif meħtieġ. Il-Kunsill ma ngħata l-ebda informazzjoni dwar l-esperjenza fit-twettieq ta' xogħol simili minn dan il-kuntrattur.

Fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill iddeċieda li għalkemm il-prezz kuwa kompettivi din l-offerta ġiet rifjutata għaliex fil-fehma tal-Kunsill dan il-kuntrattur ma kienx jilħaqq l-aspettattiva tal-Kunsill.

c. Dimbros
Il-Kunsill ħa fil-konsiderazzjoni tiegħu n-numru ta' 'default notices' li dwarhom ġie infurmat il-Kunsill u ddeċieda li jirrifjuta din l-offerta peress li dan il-kuntrattur ma kienx jilħaq l-aspettativa tal-Kunsill.

d. Denfar
Il-Kunsill talab li jkun jaf x'tip ta' xogħol u fejn ħadem dan il-kuntrattur peress li Denfar huwa aktar magħruf li jissuplixxi l-konkos. Fil-preżent il-Kunsill għandu kuntratt miegħu dwar il-provista ta'konkos kif ikun meħtieġ mill-Kunsill.

Il-Kunsill talab ukoll li jingħata lista tal-perusni mħarġa fil-qasam ta' pavimentar u servizzi tal-ilma kif ikun meħtieġ mill-WSC meta isiru xogħlijiet simili.

Il-Kunsill qabel li Denfar jiġi infurmat b'dan u għandu jagħti risposta meħtieġa sa nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2013 nofs inhar.

Ir-risposta li l-Kunsill jirċievi mingħand Denfar għandha tiġi ċirkulata għand il-Kunsillieri kollha li għandhom jinfurmaw lill-Kunsill dwar opinjoni tagħhom u jindikaw jekk il-Kunsill għandux jagħżel jew jirrifjuta l-offerta tad-Denfar.

Wara din l-informazzjoni mingħand Denfar il-Kunsill ikun jista jiddeċiedi dwar l-aħjar offerta u fl-aħjar interess tal-Kunsill.

## ***3.0 <u>Residential Parking Scheme – Permessi Speċjali</u>***

3.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi din l-iskema, għalkemm ikun jeħtiġilha xi aġġustamenti minn żmien għal żmien, qed tkun ta' fejda għar-residenti. F'dan ir-rigward il-Kunsill qed jirċievi ħafna rikjesti sabiex il-Kunsill joħroġ permessi speċjali. Il-Kunsill iddiskuta u qabel fuq il-kriterji u regolamenti hawn taħt indikati.

Regolamenti:- Ħruġ ta' permessi – Residential Parking Scheme – Mejju 2013

A. Jista' jinħareġ peress speċjali wieħed biss għal kull residenza li tkun fiż-żona fejn qed topera r-'residential parking scheme'.

B. Il-permess speċjali sabiex vettura/i ma jiġux kolpiti bil-limitazzjoni ta' ħin, jista jintalab biss minn persuna li toqgħod u għandha l-indirizz f'waħda mit-toroq fejn tkun qed topera r-'residential parking scheme'.

C. Persuna jew persuni li joqgħodu f'toroq fejn qed topera r-'residential parking scheme' u li għandhom taħt il-kustodja tagħhom xi vettura kemm tal-Gvern kif ukoll ta' xi ditta jew kumpanija li jaħdmu magħha, jistgħu japplikaw sabiex din il-vettur jkollha l-permess speċjali u għalhekk ma tkunx kolpita bil-limitazzjoni ta' ħin dwar il-parkeġġ.

D. Fuq il-permess li jingħata f'isem ir-resident tal-Gudja għandu jitniżżel in-numru/numri tar-reġistrazzjoni tal-vettura/i li għalilhom ikun inħareġ il-permess speċjali sabiex il-vettura/i indikata/i ma tiġix jew jiġux kolpiti bil-limitazzjoni ta' ħin dwar l-parkeġġ.

E. F'każ li resident tal-Gudja ikollu stabiliment ta' kummerċ jew ta' professjoni (eż uffiċċju għall-pubbliku jew klinika) għandu jinħareġ permess wieħed u flok in-numru tal-vettura, jitniżżel l-isem tal-istabiliment, il-klinika jew l-uffiċċju.

F. Kull permess li jeżenta vettura/i li mhux reġistrati f'indirizz fil-Gudja u għalhekk jinħarġilhom permess speċjali sabiex ma jiġux kolpiti bil-limitazzjoni ta' ħin dwar il-parkeġġ meta dawn il-vetturi ikunu ipparkjati f'parking spaces indikati li hemm il-limitu ta' ħin ta' parkeġġ f'ħinijiet indikati, jinħareġ għal sitt xhur biss u dan jaqa' awtomatikament jekk ma jiġix imġedded mill-Kunsill skond proċedura li jistabilixxi l-Kunsill minn żmien għal żmien.

G. Permess jinħareġ darba biss u jekk jintilef jew jiġi nieqes wieħed għandu jistenna sa tmiem it-terminu ta' sitt xhur mid-data tal-ħruġ sakemm jingħata permess ġdid.

H. Il-permess speċjali għandu jkun numerat sewwa u r-records tal-Kunsill għandhom juru dawn id-dettalji:-

i. L-isem, kunjom u l-indirizz, tal-applikant bin-numru tal-karta tal-identita li għandha turi l-indirizz ġewwa Il-Gudja u

fiż-żona fejn qed tkun topera s-sistema ta' residential parking.

ii. Data tal-ħruġ u meta jiskadi l-istess permess speċjali għandha tkun ndikata sewa fuq il-permess li għandu jiġi iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mat-timbru uffiċċjali tal-Kunsill.

iii. Numru tal-vettura/i li għaliha ikun ħareġ il-permess speċjali.

I. Kull applikazzjoni għandha tkun fuq formola kif maħruġa mill-Kunsill u għandha tkun akkompanjata b'kopja tal-karta tal-identita tal-applikant residenti il-Gudja kif ukoll kopja tal-log book li juri r-reġistrazzjoni li għaliha jew għalihom ikun qed jintalab il-permess speċjali sabiex il-vettura/i ma jiġux kolpiti bil-limitazzjoni ta' ħin meta din tkun ipparkjata fi spazju li jkun ristrett bil-ħin ta' parkeġġ f'ħinijiet kif murija fit-tabelli fejn topera r-residential parking scheme.

J. Kull bdil ta' vettura/i li għaliha l-Kunsill ikun ħareġ permess speċjali għandu jiġi notifikat immedjatament lill Kunsill sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista jaġixxi kif ikun meħtieġ u jassigura li din l-iskema ta' 'residential parking' taħdem bl-aktar mod ġust u li ma tippreġudika l-ebda interessi ta' terzi.

4. ***Aġġornament***

4.1 Programm ta' After School Sport Program 2012-2013. Il-Kunsillier MA Sammut qal li dan il-program għal din is-sena skolastika wasal fit-tmiem tiegħu u sejrin ikun preżentazzjoni taċ-ċertfikati lil parteċipanti fil-31 ta' Mejju 2013.

Din il-preżentazzjoni sejra ssir taħt l-awsipiċi tal-KMS u għaliha sejrin jattendu mistiedna distinti fosthom: Dr. Jose' Herrera Segretarju Parlamentari Kunsilli Lokali u Kultura u Dr. Stefan Buontempo Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u uffiċjali oħra kemm mill-qasam sportiv kif ukoll minn dak edukattiv.

4.2 Youth in Action 2013 Estonia. Il-Kunsillier S. Caruana qal li żjara kienet ta' suċċess u ta' benefiċju għall-iżvilupp personali tal-parteċipanti kollha. Is-Sur S. Caruana qal li kien sejjer jippreżenta rapport dettaljat fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

4.3 Jum il-Qari 2013. Il-Kunsilliera D. Grech qalet li l-program kif imtella bejn l-iSkola Primarja Kulleġġ San Benedittu, l-iSkola St. Joan Antida flimkien mal-Kunsill Lokali Il-Gudja kien ta' suċċess u li għandha tħalli ħafna ġid u fl-aħjar interess tat-tfal li jiġu nkorraġuti sabiex jaqraw sa minn ċkunithom u jonqos jew aħjar jiġi eliminat l-illetteriżmu minn pajjiżna.

Is-Sinjorina D. Grech qalet li l-ħidma pożittiva tal-Kunsill flimkien mal-iSkola Primarja kif ukoll ma' kull min irid jaħdem mal-Kunsill dwar il-qasam edukattiv

għandha tiġi konsiderata bħala investiment li jrendi fl-aħjar interess tal-Gudjani kollha.

4.4 Peress li t-temi kollha fuq l-Agenda ġew eżawriti l-laqgħa ġiet fit-tmiem fit-8.05p.m. u s-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2013 fis-6.00p.m. fuq Agenda li tigi cirkulata aktar il-quddiem qabel il-laqgħa.

4.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.05p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv
Approvati:-

John-Mary Calleja
Sindku